KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 18

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2020 fil-5pm. Il-laqgħa saret fis-sala tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Wallave Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Illona Fenech | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*18.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*18.5 Rapporti*
*18.6 Ġnien Bonello DePuis*
*18.7 Sergio Faglia Case*
*18.8 Bars, Beaches u Nightclubs*
*18.9 Items ohra ta' xoghol tal-Kunsill;*
*18.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*18.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*18.12 Mozzjonijiet*
*18.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 18.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

18.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċieva emajls mingħand il-kunsillier P.Portelli u l-kunsilliera I.Fenech li talbu biex ikunu skużata minħabba raġunijiet tax-xogħol.

## 18.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

18.2.1 Saru l-korrezzjonijiet kif huma indikati fuq id-dokument oriġinali. *Minuti nru 17*

18.2.2 B'referenza għal punt nru. 17.3.2 is-Sindku qal illi l-kunsillier A.Debono kien qed jirreferi għad-devazzjonijiet li kienu proposti u mhux għaz-zebra crossing li hemm max-Xatt. Is-Sindku qal ukoll illi għadna qegħdin nistennew mingħand il-kuntrattur biex iġib it-tabelli ta' triq Don Rua. Qal illi hu ma jixtieqx illi jkun hemm izjed tibdiliet meta din tiġi fis-seħħ.

18.2.3 B'referenza għal punt 17.8.1 is-Sindku qal illi talab laqgħa mall-A.C il-ġdid. Informa lill-Kunsill li dan se jopera mill-Mosta u mhux se jkun hemm A.C ġewwa l-għasa ta' Tas-Sliema. Żied illi s-Superintend Bartolo se jkun il-kuntatt mall-Kunsill fil-preżent. Dwar il-punt 17.8.1 il-kunsillier D.Soler qal illi qed ikun hemm ħafna lmenti wkoll dwar l-istorbju li ġej minn The Palace. Is-Sindku qal illi wara li ltaqa mall-A.C preċedenti ra li kien hemm inqas ilmenti dwar l-istorbju ġej minn dawn il-postijiet.

18.2.4 B'referenza għal punt 17.8.2 qal illi fit-Trade Licencing ~~Unit~~ Act hemm miktub~~jgħidu~~ ċar u tond li wara l-11pm m'għandomx idejqu n-nies bl-istorbju. Qal illi fil-laqgħa

preċedenti ried ifisser illi għandom ikunu *in line* mall-liġi.

**Il-kunsillier J.Pillow u l-kunsillier K.Wain daħlu għall-ħabta ta' 17.45.**

18.2.5 B'referenza għal punt 17.9.14 il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi konna semmejna li se nużaw, temporarjament, is-servizz tal-Contracts Manager għal dan it-tip ta' xogħol.

**Il-kunsilliera V.G.Pace daħlet fis-17.50**

Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti nru 17 jiġu approvati. Il-kunsillier K.Wain issekondaħ. Il-Kunsill qabel. *Approvazzjoni tal-Minuti nru. 17.*

## 18.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

18.3.1 Is-Sindku għamel referenza għall-proġett ta' TownSquare, fejn hemm kundizzjoni li saret bl-insistenza tall-Kunsill Lokali. Illi jkun hemm allokat 128 post ta' parkeġġ għar-residenti. Issa se tinbiddel parti mill-pjanta u se ssir lukanda u saret talba lill-Kunsill biex inneħħu din il-kundizzjoni bil-ħsieb illi jkun hemm kumpens ieħor. Qal illi dwar dawn il-postijiet ta' parkeġġ xorta waħda kien hemm mistoqsijiet biex nirrispondu, per eżempju kif se jiġu allokati lin-nies, u liema residenti għandom dritt illi jużawhom, kif ukoll jekk se jkun hemm ħlas u liema rati favorevoli? *TownSquare*

18.3.2 B'kontinwazzjoni għal punt 18.3.1 il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu dawk in-nies illi jgħixu madwar il-proġett u m'għandomx garaxx għandom ikollom preferenza. Is-Sindku qal illi r-residenti ta' Tigne għandom ikunu dawk illi jagħmlu użu minnhom fil-fehma tiegħu.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illidik il-kundizzjoni saret għal matul il-ġurnata biss.
Il-kunsillier K.Wain irrefera għal dawk il-postijiet ta' parkeġġ illi se jintilfu minħabba l-proġett u qal illi għandna ninsistu li l-istess ammont [madwar 19] ikunu b'xejn għar-residenti, izda fuq din il-punt il-kunsilliera qalu li ma tistax iseħħ għax ma taħdimx.

18.3.3 Wara diskussjoni ttieħdet id-deċiżjoni li l-Kunsill jara d-dokumenti

u wara ssir laqgħa mall-iżvillapaturi. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi bħala prinċipju għandna naqblu biss mall-proposta jekk se toħroġ xi ħaġa ta' ġid għar-residenti.

18.3.4 Is-Sindku qal illi la l-proġett ta' Piazetta waslet fit-tmiem issa għandom jagħmlu t-triq u l-parkeġġ ta' triq Għar il-Lembi. Biex inkunu konforma mal-liġi se nitilfu postijiet ta' parkeġġ fit-triq, izda l-postijiet ta' parkeġġ illi saru ġewwa Tower Road se jibqgħu hemm. Spjega wkoll illi hemm area partikolari fejn għandna niddentifikaw illi hemm is-servizz taħt bi ftit zebgħa, ħalli ħadd ma jipparkja f'dik l-area. Qal illi saret biċċa cement ta' madwar tlett piedi biex toħroġ il-passaġġ. *Għar il-Lembi*

18.3.5 Is-Sindku qal illi bagħtna applikazzjoni lil TM biex tinqeleb il-parkeġġ ta triq San Vinċenz [minn triq Carmel sa triq il-Kbira] u jemmen illi għandna nirbħu tlieta jew erba' postijiet ta' parkeġġ. Żied illi għandna rridu naraw u nistudjaw l-affarijiet sew. *Annunciation Square/ San Vinċenz*

18.3.~~5~~6 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni minn naħa ta' TM għall-proġett li għanda ssir f'Windsor/Dingli/Ġorġ Borg. Qal illi għandna nibagħtu ittra lir-residenti li jgħixu bejn Crech u Sir Ġorġ Borġ dwar il-pjan. *Windsor str. Dingli str. Sir Ġorġ Borg str.*

18.3.~~6~~7 Is-Sindku fakkar illi konna waqqafna l-permess tat-Tower Crane ta' Howard str. k/m Sir Arturo Mercieca. Dan għaliex din kienet ta' inkonvenjenza għar-residenti u ma kinitx qed tintuza minħabba li kien hemm ħafna *change of hands* tal-proġett. Żied illi marru fuqhu residenti li xtraw post hemmhekk u li issa se jsoffru l-konsegwenzi minħabba d-dewmien li qed ikun hemm. Qal illi ltaqa wkoll mall-Perit li kkonferma li jixtiequ juzaw it-Tower Crane sall-aħħar ta' Novembru u xejn izjed. Talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex terġa ssir applikazzjoni mill-ġdid għat-Tower Crane ħalli hekk, minflok ma jħallsu l-multi u ma nirċievu xejn, nieħdu l-flus għall-permessi. Fakkar illi meta ingħataw l-aħħar tlett xhur permess konna avzajna li din se tkun l-aħħar waħda. *Tower Crane: Howard str.*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi xorta għandna ninsistu li din se tkun l-aħħar estenzjoni. Qal illi għanda ssir ukoll ftehim illi għanda tintbagħat lill-entitajiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jista jkun illi m'għandomx DNO la għaddew ammont ta' snin u b'applikazzjoni ġdida se jkollom bzonn waħda biex ikunu konforma mal-liġi. B'hekk effettivament se jkun hemm dewmien biex iġibu l-permessi neċessarji.

18.3.~~7~~8 Waslet korrespondenza mill-Parroċċa ta' Sacro Cuore bil-BOQ għall-proġett illi se ssir flimkien mall-Kunsill Lokali biex jintuzaw il-fondi tal-UIF. Fost id-dokumenti waslet ukoll il-BOQ minn naħa tal-Perit. Din kienet diġa ġiet aċċettata minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi bħala parti mill-proġett se ssir ukoll it-triq quddiem il-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv ħabbar illi l-Perit għandu jibgħat il-BOQ dalwaqt.

18.3.~~8~~9 Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm problema pjutost kbira la dawn il-fondi ma jistawx jintuzaw biex isiru proġetti interni [privati] fil-knejjes wara li saret korrespondenza bejn il-Kunsill u l-PA biex jikkonfermaw din. Effettivament, il-maġġor parti tall-proġetti tal-Parroċċi se jkunu f'postijiet meqjusi bħala privati. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir laqgħa mall-Parroċċi biex nispjegaw l-affarijiet u nsibu kuntatt ma' kull Parroċċa, waqt illi għanda tintbagħat ukoll iċ-Ċirkulari flimkien mall-istedina. Wara għanda ssir laqgħa mall-PA.

18.3.~~9~~10 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi r-Reġjun se jħallas l-ammont ta' €1000 biex jittieħdu ritratti ġewwa knisja waħda fil-lokalita. Kienet intgħażlet il-Parroċċa ta' Sacro Cuore bħala l-izjed waħda antika fil-lokalita u tlabna lil min se jieħu ħsieb ix-xogħol biex jagħti stima għall-bqija tal-knejjes. Dan bi zball bagħat stima għal tnejn biss minflok tlieta oħra, għall-prezz ta' €1200 li tammonta għal €600. Se jivverifika jekk il-prezz tibqa ta' €600 biex isir l-oħra wkoll. Il-Kunsill qabel illi din il-proġett isir kompluta u qablu mall-ispiza.

18.3.~~10~~11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li fetħet is-sejħa fejn impjegata waħda bagħtet lura li hi interessata u hi kienet eleġibbli għall-iskala 11. Effettivament ġiet aċċettata mill-1 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel.

18.3.~~11~~12 Is-Sindku ħabbar illi hemm €3000 dovuti mir-Reġjun għad-dekorazzjonijiet tal-Milied. Qal ukoll illi hemm fond ta' €10,000 għal attivitajiet li għandom isiru konġunt mar-Reġjun.

## 18.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

18.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**18.5 QUARTERLY REPORT**

**Fis-7pm daħlu l-accountants fis-sala tal-Kunsill biex jagħtu rendikont tal-Q1 ta' 2020.**

18.5.1 L-accountant qalet illi waqt illi kien hemm inqas dħul minn dak proġettat fil-baġit, kien hemm ukoll inqas spejjez. Qalet illi fil-baġħit dejjem imorru ultre minn dak ta' snin preċedenti, waqt illi jista jkun illi diġa kien hemm impatt negattiv minħabba ċ-ċirkostanzi li sibna ruħna fihom minħabba l-pandemija.

18.5.2 L-accountant qalet illi spiċċajna b'FSI pożittiv ta' 65%.

18.5.3 Wara li ġiet diskussa l-Q1, il-kunsillier D.Muscat ippropona li jiġu approvati. Il-kunsillier A.Debono ssekondaħ. Il-Kunsill qabel.

**18.6 *REPLY TO MANAGEMENT LETTER***

18.6.1 L-accountant ħabbar illi l-audit waslet lejn l-aħħar. Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ta rendikont ta' dak illi hemm miktub, kif ukoll il-versjoni minn naħa tal-Kunsill Lokali.

18.6.2 L-accountant għamel referenza għall-debtors illi jixtieq jara illi neħeilsu minnhom malajr kemm jista jkun. Dan se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tal-finanzji.

18.6.3 Rigward il-Fairy Lights qal illi din il-punt se tibqa tidher fil-Management Letter izda wasalna f'punt fejn ma tagħmilx sens illi tibqa fuq il-kotba tagħna.

18.6.4 L-accountant ilmenta li għamlu referenza għal ċerti proġetti li ma waslux għat-tmiem meta dawn għadom anqas tlestew u b'hekk ma jarax il-punt illi ġew imsemmin fil-Management Letter.

18.6.5 Dwar l-Insurance l-accountant qal illi huma iħarsu lejn il-policy b'mod differenti mill-insurers. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi bididlna l-policy biex inkunu *in line* ma' dak illi kitbu l-awdituri s-sena l-oħra, waqt illi l-Kunsill għandu jkun insurjajt anka b'mod

*over-priced* skont l-awdituri jekk din tfisser illi nkunu koperti f'każ ta' inċident. Il-Kunsill qabel.

18.6.6 Fuq il-punt ta UIF l-accountant qal illi għandna nagħmlu provision għaliha għax ma tidhrix illi se nieħdu l-fondi lura għax-xogħolijiet illi kienu saru ġewwa triq Qui Si Sana madwar għaxar snin ilu.

18.6.7 Il-kunsillier K.Wain ippropona li r-Reply tiġi approvata. Il-kunsillier D.Muscat issekondaħ.

**Il-Kunsill irringrazzja lill-accountants għax-xogħol tagħhom qabel ma ħarġu mill-kamra għall-ħabta ta' 20:30**

## 18.7 RAPPORTI

18.7.1 Is-S.E qal illi rċieva r-rapporti tal-Contracts Manager ftit qabel il-laqgħa u b'hekk ma intbagħtux. Se jintbagħtu wara l-laqgħa għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

18.7.2 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-kuntrattur bagħat messaġġ fil-weekend fuq WhatsApp biex jgħid illi mhux se jmur jiċċekkja l-latrini pubbliċi fil-preżent minħabba ċ-ċirkostanzi dwar il-pandemija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva l-istess messaġġ izda qatt ma wieġeb u qatt ma ta l-go ahead la aħna naħdmu mad-direttivi li joħorġu mill-Ministeru tas-Saħħa. Is-servizz għanda tingħata la m'hemm l-ebda direttiva biex jingħalqu l-lattrini pubbliċi.

## 18.8 ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL

18.8.1 Il-kunsillier J.Pillow qal illi nhar il-Ħamis 6 t'Awwissu se jibda x-xogħol fil-Playing Fields ta' Ġnien Bonello DePuis.

18.8.2 Il-kunsillier J.Pillow ilmenta li ammont ta' CCTV kameras ma jaħmdux. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm sistema ħażina la qegħdin joħolqu izjed problemi milli vantaġġi peress illi dejjem imur xi ħaġa.

Rigward Ġnien Bonello DePuis dawk qegħdin jaħdmu issa izda għad hemm problema li qed tikkonkluda b'short ta' spiss. Bisazza str. hemm problema għax għal xi raġuni biddlu l-I.P address li mhix skont dik tas-sistema ssetjata għall-kameras. Dwar Ġnien

Independenza l-kunsillier J.Pillow qal illi hemm ammont illi ma jaħdmux. Dwar Pjazza St. Anna qal illi dawn qatt ma saru avolja kellu jsir decoder.

18.8.3 Rigward punt 18.8.2 il-kunsillier D.Soler staqsa min se jieħu ħsieb il-moniteraġġ tagħhom xorta waħda. Is-Sindku qal illi nzommu screen ġewwa l-uffiċju. Il-kunsillier J.Pillow issuġerixxa li naqbdu konsulent u nagħmlu maintenance agreement għall-kameras kollha.
Wara diskussjoni ġie deċiż b'mod unanimu illi hemm bzonn survey biex naraw x'hemm.

18.8.4 Il-Viċi Sindku qalet illi jintqal ħafna waqt il-laqgħat izda wara ma jkunx hemm follow-up. Bħala eżempju semmiet it-tabelli li ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti. Il-kunsillier J.Pillow qal illi saret dik l-eżerċizzjoni biex toħroġ tender u mhux biex tingħata Direct Order sal-laqgħa ta' wara. Il-Viċi Sindku semmiet ukoll il-bins, Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn waslu [20 u 20] u bdew jitwaħħlu izda diġa hemm problemi minħabba l-ispazju fit-toroq u ċerti ilmenti tar-residenti.

18.8.5 Is-Sindku qal illi d-doggy bins li inxtraw mhumiex bħal dawk illi diġa kellna u għandna nordnaw oħrajn ġodda.

18.8.6 Is-Sindku qal illi l-bins ta' OPAL qegħdin fi stat ħazin ħafna u għandom jitneħħew. Is-sid tagħhom għandu jintbagħat ittra biex jieħu ħsieb.

18.8.7 Il-kunsillier J.Pillow qal illi hemm siġġijiet fejn l-istages li huma mimlijin sadid. Is-Sindku qal illi se jagħti l-kuntatt ta' min kien għamilhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-kunsillier J.Pillow staqsa kif bqajna dwar l-istreet furniture. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avukat bagħat l-ittra fl-20 ta' Lulju u effettivament għandom tlettin ġurnata biex jirrispondu.

18.8.8 Il-kunsillier J.Pillow qal illi bħala kunsilliera għandom jagħtu eżempju għar-residenti u mhux jagħmlu affarijiet li usppost għandom jaslu għall-kontravenzjoni. Qal illi persuna fil-kamra stess inqabad iħalli l-ħmieġ tal-kelb ġo qsari, ipparkja fuq double yellow u anka min waddab il-borza l-ħazina ġewwa l-iskamel. Qal illi n-nies huma konxji ta' dawn l-affarijiet u dawn l-atti ma jidhrux

sbieħ fuq il-Kunsill.

18.8.9 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi kien hemm zmien meta wardens kienu jwaqqfu lil dawk in-nies bil-klieb biex jaraw jekk kellom boroż. Staqsa biex naraw jekk għadom jagħtu das-servizz.

18.8.10 Il-kunsillier J.Pillow staqsa jekk il-klieb ikunu registratti fuq xi sistema. Dawn ir-rekords mhumiex għand il-Kunsill.

18.8.11 Is-Sindku qal illi fil-ġranet illi ġejjin il-Cat Cafe ta' Ġnien Independenza se tiċċaqlaq il-post tagħha.

18.8.12 Il-kunsillier K.Wain staqsa dwar il-Mini Bins. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-istima kienet ta' €7900 [+VAT] meta kellna fond ta' €4500 u l-kuntrattur ma kienx ġie lura wara li tlabna kemm nixtru għall-prezz ta' €4500. Il-kunsillier P.Radmilli irrakomanda li jekk din se tkun problema, nuzaw il-fondi tagħna għall-bqija. Il-Kunsill qabel.

18.8.13 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi hemm magħdum bil-ħsara f'triq Sir Ġorġ Borg.

18.8.14 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi hemm spaction tal-Go imkissra ġewwa triq it-Torri. Din diġa kienet irraportata.

18.8.15 Il-kunsilliera V.G.Pace qalet illi ħiereġ drenaġġ minn garaxx wara l-Preluna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din kienet diġa ġiet irraportata imma tibqa post privat.

**Is-Segretarju Eżekuttiv talab biex ikun skuzat peress illi kellu jitlaq izjed kmieni. Telaq għall-ħabta ta' 21.20. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kompliet fl-irwol tiegħu.**

18.8.16 Il-Kunsillier D. Muscat informa li kellu proposta minn artisti dwar l-idea sabiex ikun hemm teatru fit-triq minħabba li fi zmien il-Covid ma jkunx jista jsir f'teatri magħluqa. L-idea li jsiru *shows* minn gallarija għall-oħra ovvjament ta' dawk ir-residenti li joffru. L-istima għal sitt *shows* hija ta' madwar Euro 885. Il-Vici Sindku tagħat l-idea li din tista tkun ukoll minn fuq zuntier bħal ta' St Patricks. Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa fi Gnien Indipendenza u l-pubbliku ikun jista jara minn fuq il-*promenade*. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti ta' dan kollu. Il-Kunsillier

D. Muscat ħeġġeg lill-kunsilliera li jekk ikollhom xi ideat oħra jistgħu jgħidulu bihom.

18.8.17 Il-Kunsillier D. Muscat propona li l-parking ta' fejn l-ex Imperial Hotel isir in-naħa l-oħra biex ikun jista jintrebaħ aktar spazzju. Kien hemm qbil dwar dan.

18.8.18 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar *traffic management* ta' Triq San Nikola. Is-Sindku qal li kellna approvazzjoni mit-TM madankollu r-residenti ma qablux mat-tibdil. Minħabba x-xogħlijiet fi Triq Manwel Dimech id-*diversions* jiġu għal Triq San Nikola. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ma jaqbilx mat-tieni *diversion* u ssuġġerixxa li l-karozzi jitilgħu Triq il-Karmnu, kif ukoll Triq Santa Marija tiġi li jitilgħu 'l fuq sakemm isiru xogħlijiet. F'din iċ-ċirkustanza zied jgħid li jkun hemm bzonn titwaħħal *traffic mirror* fi Triq Santa Marija ma' Triq il-Karmnu. Ma kienx hemm qbil dwar dan, madankollu l-Kunsill se jikkonsidra din id-*diversion* proposta. Il-Kunsillier J. Pillow issuġerixxa li sakemm ikunu qegħdin isiru xogħlijiet jitpoġġew *traffic lights* temporanji. Xejn ma ġie iffinalizzat minn dawn il-proposti, u s-Sindku qal li sadanittant min għandu aktar ideat jista jressaqhom.

18.8.19 Il-Kunsillier Anton Debono ressaq tlett kwotazzjonijiet dwar il-fustoon biex jitpoġġew fuq il-*promenad*e (mil-Karmelitani sa faccata ta' Triq Nicolo Isouard) u Ix-Xatt (minn faccata ta' cafeteria fi Triq Bisazza sal-Ponta ta' Tigne).

**Il-Kunsillier Emmanuel Borg ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.41.**

18.8.20 Il-Kunsill qabel li għandha tintgħazel l-irħas kwotazzjoni u ta' min li jipprovdu riċevuta fiskali.

**Il-Kunsillier D. Soler ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fid-21.47**

18.8.21 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar fid-deċizjoni li kienet ittieħdet dwar *tracking device* dan biex inkunu zguri li l-kenniesa qegħdin jikinsu t-toroq kollha skont l-iskeda. Il-Kunsillier Pillow spjega kif dan l-apparat jaħdem u informa lill-Kunsilliera prezenti li dan l-apparat jista jinzamm *history* ta' *locations* għall-numru ta' granet. Il-prezz huwa ta' madwar Ewro 59 eskluz il-VAT il-waħda kif ukoll hemm service fee għal sena bi prezz ta' madwar Ewro 120. Kien hemm

qbil li jinxtara dan l-apparat kif ukoll is-service fee annwali għalih. Eventwalment għandhom jinxtraw aktar biex jiġu provduti lill-kenniesa kollha li joperaw f'Tas-Sliema.

## 18.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITAT U/JEW SOTTO KUMITATI

18.9.1 Gie deċiz li trid tiġi koordinata laqgħa dwar it-tender għal *Street Surveys*. Il-Viċi Sindku G. Attard Previ, Il-Kunsillier P. Radmilli, kif ukoll il-kumplament tal-bord għandhom jaraw li jiltaqgħu mill-aktar fis

## 18.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

18.10.1 Gie nnotat il-pagament lil Tech MT dwar il-WI FI li jitħallas fis-sena. Id-Dep. Seg. Ezekuttiv infurmat li dan hu l-pagament li konna inħallsu l-MTA. Infurmat ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv kellu komunikazzjoni mal kumpanija Tech MT dwar il-proposta tal-Kunsillier J. Pillow li meta jittella' konnessjoni ta' WIFI f'postijiet pubbliċi f'Tas-Sliema jidher li s-servizz ikun provdut mil-Kunsill Lokali tas-Sliema. S'issa pero għad ma kellniex risposta.

18.10.2 Il-pagamenti ġew imressqa għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow propona l-approvazzjoni tal-pagamenti, filwaqt li l-Kunsill W. Vella Baldacchino issekonda. Kien hemm qbil dwar dan.

## 18.11 MOZZJONIJIET

18.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 18.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

18.12.1 Is-seduta ntemmet fl-22.05. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020.

Minuti approvati llum nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Anthony Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |